MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2698/2002

**Jupiter Company Limited**

**Vs**

**Joseph Bartolo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm628.77c (sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu) rappresentanti kwantu ghas-somma ta' Lm365.00c (tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin) bhala bilanc dovut fuq import ta' kambjala li mmaturat u kwantu ghas-somma ta' Lm263.77c (mitejn u tlieta u sittin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu) rappresentanti imghax akkumulat mid-data tal-maturita' sad-data tal-presentata tal-Avviz.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Risposta fejn it-talba tas-socjeta’ attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici, stante illi l-ammont mitlub mhux dovut.

Ra r-Risposta b’Kontro-Talba tal-konvenut fejn jghid li qatt ma kkonsenja mutur lis-socjeta’ attrici rikonvenazjonata.

Ra s-seduta datata 12 ta’ Mejju, 2003 li fiha xehdet Veronica Gauci, prodotta mis-socjeta’ attrici, fejn tghid li s-socjeta’ attrici kienet ghamlet negozju mal-konvenut u tesebixxi l-kuntratt u l-kambjala ffirmati mill-konvenut li kien sar bejn il-partijiet. Tikkonferma li l-konvenut kien xtara dghajsa minghand is-socjeta’ attrici b’valur ta’ Lm3,800.00c (tlett elef u tmien mitt lira Maltin). Il-konvenut kellu dghajsa ohra b’valur ta’ Lm850.00c (tmien mija u hamsin lira Maltin) u s-socjeta’ attrici kienu haduha bhala parti mill-ammont, ghalhekk kien baqalu l-bilanc ta’ Lm2,950.00c (elfejn, disa’ mija u hamsin lira Maltin). L-ahhar pagament li ghamel kien f’Mejju 2002. Tikkonferma illi l-konvenut kien iffirma l-kambjalijiet u illi hi ma kienetx ticcargjah imghax fuq pagamenti li kienu dige saru. Tghid ukoll illi l-konvenut kien xtara zewg muturi u dghajsa minghandhom u li parti mill-pagament ta’ din id-dghajsa huwa dghajsa u mutur li kien xtara qabel. Tichad li l-konvenut kien hadilhom mutur gja bieghuh.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Bartolo li jikkonferma li kien xtara dghajsa minghand l-attrici, kien ghad fadal bilanc ta’ Lm2,950.00c (elfejn, disa’ mija u hamsin lira Maltin) u li kien iffirma kambjala wahda tal-ammont kollhu. Jghid ukoll li kien informa lir-ragel ta’ Veronica Gauci li ma setghax ihallas l-imghax. Il-konvenut qatt ma hallas ammont regolari fix-xahar, u jghid illi l-bilanc kien ta’ xi Lm200.00c (mitejn lira Maltin) ghax l-ahhar pagament kien ta’ Lm306.00c (tlett mija u sitt liri Maltin). Jghid ukoll li l-ftehim kien li bhala part-payment ghad-dghajsa li kien ser jixtri l-konvenut kien se jghaddiha lis-socjeta’ attrici speedboat u mutur. Il-valur tal-ispeedboat gie mnizzel u mnaqqas mill-ammont li kellu jhallas il-konvenut. Il-valur tal-mutur ma kienx imnizzel ghaliex is-socjeta’ attrici kienet informatu li kellha ticcekja l-valur qabel ma tghidlu. Jghid li s-socjeta’ attrici bieghet il-mutur u qatt ma tatu

xejn. Bartolo kien accceta li ma jiehu xejn is-Lm700.00c (seba' mitt lira Maltin) u s-socjeta' attrici taqtalu l-mitejn li ghandu jaghti. Jghid li wara kien ircievha karta fejn kienu qed ifitxxuh ghall-ispejjez kollha. Meta gie biex jiffirma l-kuntratt il-konvenut ma qrahx, talab lis-socjeta' attrici biex jaghtuh karta in konnessjoni mal-mutur li kien ikkonsenja izda qatt ma ircieva xejn. Jikkonferma li n-negozju kien sar kollu f'daqqa, l-konvenut kien taha bhala tpartit l-ispeedboat u l-mutur u hu kien ha minghand is-socjeta' attrici speedboat.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' t-trattazzjoni.

Ikkunsidra li l-konvenut iffirma kambjala fl-ammont ta' Lm2,950.00c (elfejn, disa' mija u hamsin lira Maltin). Illi skond il-kuntratt datat 17 ta' Settembru, 1999 l-amont dovut mill-konvenut huwa Lm2,950.00c (elfejn, disa' mija u hamsin lira Malitn) liema ammont jinkludi "imghax u charges". Illi l-ammont dovut skond il-kambjala kellu jigi mhallas fis-17 ta' Ottubru, 1999. Illi ghalhekk minn dik id-data jerga jibda l-imghax kif spjegat fil-prospett esebit mal-Avviz. Ili l-eccezzjoni tal-konvenut huwa li l-ammont mhux dovut. Illi l-konvenut qed jghid li l-ammont mhux dovut ghaliex suppost is-socjeta' attrici kellha tnaqqas l-ammont dovut lilha bl-ammont ta' Lm760.00c (seba' mija u sittin lira Maltin) "jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan it-Tribunal rappresentanti l-valur ta' mutur konsenjat". Illi l-Kontro-Talba ghandu jigi michud ghaliex il-konvenut ma gabx bizzejjed provi biex juri li kien hemm ftehim f'dan is-sens kif ukoll ghaliex il-konvenut mhux kredibli. Illi l-konvenut iffirma l-kuntratt u ffirma l-kambjala minghajr ma semma xi haga dwar dan il-mutur. Il-konvenut ircieva ittra fejn intalbet il-hlas u ma irrisponda xejn. Illi l-konvenut esebixxa rcevuta dwar mutur. Dan l-ircevuta hija datata 9 ta' Gunju, 1997. Fir-re-ezami l-konvenut qal: "tajtha l-mutur fl-istess gimgha …….. nikkonferma li n-negozju kien sar kollu f'daqqa. Jiena kont tajtha bhala tpartit speedboat u mutur u kont hadt minghandha dghajsa". Skond il-kuntratt it-tpartit sar fis-17 ta' Settembru, 1999. Ghalhekk il-konvenut mhux kredibli.

Ghaldaqstant, jichad ir-Risposta u l-Kontro-Talba tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm628.77c (sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu). Bl-ispejjez kontra l-konvenut. Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------